# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **15** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar it-**Tlieta 26 ta' Ottubru 2010 fis-6.30pm.**

# L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B.Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużati** | Is-Sur George Farrugia |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti - Seduta Numru 14(1)
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***<u>Qari u approvazzjoni tal-Minuti:</u>***

1.1 **<u>Laqgħa Nru 14(1) tat-28 ta' Settembru 2010:</u>**

1.1.1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm korrezzjoni fil-lista ta' ħlasijiet bi kreditu:

Pagament numru 36 ta' *Polidano Brothers Ltd* minflokk *2nd part payment* irid jiġi *3rd part payment*. Dan peress li l-Kunsill kien irċieva l-ewwel iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit u imbagħad kien irċieva l-invoice ftit taż-żmien wara mill-kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa kien nforma kemm l-Accountant u l-Perit dwar dan it-tilet ħlas filwaqt li nforma lill-Kunsill li kien irċieva l-ewwel tranche tal-fondi mill-UIF li jammontaw għal madwar €36,000.

1.1.3 Pagament numru 38 tat-*Treasury Vodafone Malta Ltd*, ġie vverifikat li dan il-kont kien jappartjeni lis-Sindku u għaldaqstant is-Sindku ta ċekk lill-Kunsill li jammont €94.37. Dan peress li l-*invoice* ma kienetx ċara peress li kien għadu kif ġie iffirmat l-kuntratt l-ġdid f'isem is-Sindku.

1.1.4 Kien hemm korrezzjoni fil-lista ta' ħlasijiet b'urġenza:

Pagament numru 18 tal-*R&A Service Ltd* minflokk Lulju ix-xahar jrid jiġi Awissu.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ġibed l-attenzjoni illi artiklu 5.7 it-tieni u t-tielet paragrafu jridu jinbidlu u jinqraw kif ġej:

*"Ġie deċi[illegible] sabiex jitneħħew l-iskips kollha u jitħallew biss madwar 10 f'dawk il-postijiet li ma jidħolx kuljum. Fis-Sajf jista` jkun hemm fejn in[illegible]iduhom. Il-ġbir għandu jsir mit-Tnejn sal-Ħadd".*

*"Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li twaħħlu bins fuq il-promenade u fejn xi Bus Stops u li bagħatna ittra lis-sidien tar-restoranti sabiex sa l-20 ta' Settembru jkollhom il-bin privata tagħhom għall-iskart organiku u li jekk innaqqsu il-ġbir ta' dawn ir-ristoranti, il-Kunsill se jara tnaqqis sostanzjali fil-ġbir organiku".*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi artiklu 7.5 fejn hemm id-deċiżjoni tal-Kunsill trid tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsill approva unanimament".*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***<u>Matters Arising :</u>***

2.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud spjega li artiklu 4.1.2 rigward il-culvert fi Triq San Gwakkin il-konkos kien sar apposta peress li l-katusi tal-*culverts* saru mal-parti ta' fuq u għaldaqstant kien qiegħed iżomm ħafna ilma fil-qiegħ u kien qed ikun hemm ħafna nemus.

2.2 **<u>Tnaqqis mill-allokazzjoni tal-Kunsill ta' Marsaskala (35/5603/10/I) (pg 9):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri staqsa jekk l-allokazzjoni tnaqsitx war li l-Kunsill kellu jibgħat korrispondenza.

Is-Sindku wieġeb li l-korrispondenza mill-Kunsill rigward in-nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet intbagħtet iżda l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta.

2.3 **<u>Proġetti ta' l-Unjoni Ewropeja Anna Lindh Euro-Mediterranean Foundation for Dialogue between Cultures – 2010 propost lilna minn Europe Direct (pg 9):</u>**

Is-Sindku beda billi qara email mibgħuta mis-Sur Mark Causon fuq kjarifiki li talab hu stess. Is-Sur Mark Causon iddikjara illi il-Kunsill Lokali mhux ser jkun nvolut fi spejjeż għal dawn il-proġetti u li kull attivita` ser issir ġewwa l-lokalita` ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne staqsit jekk il-Kunsill huwiex f'pożizzjoni li jgħamel erba` konferenzi peress li jikkonsistu f'ħafna xogħol u li f'Marsaskala ma għandiex post adattat fejn isiru dawn it-tip ta' konferenzi għaldaqstant jkun aħjar li ssir konferenza waħda. Hija kompliet tistaqsi x'ser jibbenefikaw ir-residenti ta' Marsaskala minn dawn il-konferenzi.

Is-Sindku rrisponda illi apparti li skond l-konsulent l-Kunsill mhux ser jkun nvolut fi spejjeż, ma jafx għaliex qiegħed jgħid li ser isiru 4 konferenzi. Il-Kunsill ser jigwadanja skambju ta' studenti fl-edukazzjoni u l-kultura.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal li l-applikazjonijiet li ntbagħtu lill-Unjoni Ewropeja s'issa kienu fuq *Autisim, Cycling, Anna Lindh* u applikazjoni oħra li titratta mal-problema ta' l-*Unemployment* kif ukoll oħra li rċevejna llum rigward xi skambju ta' mużiċisti.

Id-diskussjoni tkompliet u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk nistgħux ningħaqdu ma lokalitajiet oħra u jekk il-flus joħorġux mill-Kunsill imbagħad niġu rimborsati jekk nkunu mxejna mar-regolamenti kollha. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-ewwel għandna nkunu nafu l-applikazzjonijiet rilevanti għall-Kunsill u mbagħad napplikaw għal dawk biss li jiddeċiedi l-Kunsill, bħal ma huma l-ERDF u mhux biss għas-*social funds*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb diversi mistoqsijiet u spejga ukoll kif inhi l-proċedura ta' kif issir l-applikazzjoni għal-proġetti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bagħat lis-Sur Mark Causon diversi mistoqsijiet sabiex jassigura li ma jkollniex problemi u sabiex jassigura li naderixxu mar-regolamenti finanzjarji.

Is-Sindku kompla jżied jgħid illi l-Kunsill ser jħallas biss l-applikazzjoni.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa mas-Sur Mark Causon fejn il-Kunsilliera għandom jistaqsu l-mistoqsijiet tagħhom.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill jekk il-Kunsilliera jsibux oġġezzjoni li s-Sur Mark Causon jkunx involut fid-Douzelage.

Il-Kunsilliera ma sabux l-ebda oġġezzjoni.

2.4 **<u>Ittra mis-Sur Salerno (pg10):</u>**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne talbet spjegazzjoni fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill għaliex ma kientx ċara u irreferit għal email li kien qiegħed iqassam is-Sur Salerno bit-telfon tal-Kunsill fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill ma kienx tah id-dritt illi jniżell in-numru tat-telefon tal-Kunsill. Il-Kunsill ma kienx sab oġġezzjoni li din l-Assoċjazzjoni issir għalkemm il-Kunsill kien konxju wkoll li l-Kunsill m'huwiex l-awtorita` li tirrikonoxxi jew tistabilixxi dawn l-assoċjazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu li s-Sur Salerno m'għandux iniżżel it-telefon tal-Kunsill fuq l-email tiegħu.

2.5 **<u>Memo 126/2010 - Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Community Chest Fund (pg10):</u>**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne urit id-diżappunt tagħha kif il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux sehem f'kawża ġusta bħal din meta hi kienet qed tħejji programm sabiex issir attivita` ta' ġurnata fil-21 ta' Novembru 2010. Hija kompliet tispjega l-programm.

Is-Sindku spjega li l-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne kienet qaltlu li kienet mogħbbija b'ħafna xogħol u b'hekk ħaseb li kien ikun aħjar li ma nipparteċipawx.

Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'din l-attivita`, filwaqt li ċċara mal-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne li dakinhar il-Kunsill kien taħt l-impressjoni li l-kumitat kien impenjat b'ħafna attivitajiet oħra.

2.6 **<u>Premju Żgħażugħ tas-Sena (pg2):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm in-nomini taż-żgħażugħ tas-sena tal-Kerygma u għaldaqstant staqsa lill-Kunsilliera jekk għandhom lil xi ħadd lil minn jinnominaw.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jixtieq jinnomina persuna u d-dettalji tiegħu ser jingħataw iktar il-quddiem.

2.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk l-eżerċizzju li kien talab lill-*Accountat* fil-laqgħa preċedenti x'sarx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ħa nota ta' dan l-eżerċizzju u ser isir, filwaqt li l-budget għas-sena li jmiss se jkun ħafna iktar dettaljat u se jiġi spjegat l-ammont allokat għal-kull settur

2.8 **<u>Laqgħa bejn is-Sindku u l-iżviluppaturi ta' Monita:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk it-triq li kienet tagħti minn Triq il-Bajja għall-iskola hux ser ddum biex tinfetaħ.

Is-Sindku wieġbu li fil-preżent hemm triq oħra aċċessibli għal ħdejn l-iskola u li l-parti tat-triq l-oħra għada ma tistgħax tinfetaħ għaliex il-proġett għadu mhux lest.

3.0 ***<u>Ħlasijiet:</u>***

3.1 **<u>Ħlasijiet bi Kreditu:</u>**

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| • Contracts Manager report available. | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ***<u>Suppliers</u>*** | ***<u>Contracts</u>*** | ***<u>Invoice Date</u>*** | ***<u>Inv No</u>*** | ***<u>Amount on Invoice €</u>*** | ***<u>Amount to be paid €</u>*** |
| 1 | **Golden Gate** | Stationery | 12/10/2010 | 357432 | 113.49 | 113.49 |
| 2 | **MITA** | Maintenance & Support | 08/10/2010 | SIN023820 | 416.85 | 416.85 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | **Inserv** | Recycling grey bags | 12/10/2010 | 126331 | 276.12 | 276.12 |
| 4 | **JGC** | Full and final settlement regarding Mexican Tower | 09/02/2010 | 20-10 | 5195.69 | 2695.69 |
| 5 | **Mr. Lawrence Cauchi** | Accountancy Service | 30/09/2010 | 2010079 | 569.61 | 569.61 |
| 6 | **Globetech International** | Marsaskala Flags | 07/10/2010 | 4125 | 250.00 | 250.00 |
| 7 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 30/09/2010 | 13017471 | 38.40 | 38.40 |
| 8 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery & White Board | 12/10/2010 | 13017756 | 243.21 | 243.21 |
| 9 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 05/10/2010 | 13017584 | 16.50 | 16.50 |
| 10 | **Smart Office Supplies Ltd** | Credit Note | 15/10/2010 | 93001753 | -9.30 | -9.30 |
| 11 | **Ms Graziella Mallia** | Librarian - September 10 | | | 262.35 | 262.35 |
| 12 | **Med Design Associates** | Preparation of plan regarding tender | 07/10/2010 | 30004572 | 80.00 | 80.00 |
| 13 | **Med Design Associates** | Professional Fees Bidni Area | 15/10/2010 | 30004624 | 67.93 | 67.93 |
| 14 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience September 2010 - Extra Service | 06/10/2010 | ES/10/2009451 | 967.60 | 967.60 |
| 15 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience September 2010 | 01/10/2010 | MLC/10/90451 | 634.01 | 634.01 |
| 16 | **The Treasury, Vodafone Malta Ltd** | Mobile Service 79637171 | 01/10/2010 | 2124540102010 | 110.63 | 110.63 |
| 17 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | | 2658 | 369.17 | 369.17 |
| 18 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job sheet #10008 | 22/09/2010 | 13713 | 750.87 | 750.87 |
| 19 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job sheet #10228 | 05/10/2010 | 13768 | 255.38 | 255.38 |
| 20 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job sheet #10229 | 05/10/2010 | 13769 | 23.99 | 23.99 |
| 21 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings Job sheet #10227 | 05/10/2010 | 13767 | 321.73 | 321.73 |
| 22 | **Mr Alfred Palma** | Kotba Id-Drammi ta' Oscar Wilde | 18/10/2010 | | 20.00 | 20.00 |
| 23* | **Ms Mandy Pellicano** | Zfien fl-Iljieli Skalin | 30/09/2010 | 1 | 500.00 | 500.00 |
| 24 | **Go plc** | Telephone Bills 21637744 | 14/10/2010 | 24486163 | 21.75 | 21.75 |
| 25 | **Go plc** | Telephone Bills 21632861, 21633887, 21637171 | 14/10/2010 | 24486161 | 290.84 | 290.84 |
| 26• | **Schembri Bros & Farrugia Ltd** | Supply of Concrete Bidni Area | 15/03/2010 | 38241 | 1150.00 | 1091.84 |
| 27• | **Schembri Concret Blocks** | Supply of Concrete Bidni Area | 15/03/2010 | INV071140 | 1150.00 | 1096.02 |
| 28 | **Mr Ronald Briffa** | Kiri tal-garaxx 1 ta' Settembru 2010 - 28 ta' Frar 2011 | 12/10/2010 | | 912.50 | 912.50 |
| 29 | **Mr David Grasso** | PA Systems Coffee Morning 17/09/10 | | | 100.00 | 100.00 |
| 30 | **Melita p.l.c** | Cable TV | 01/10/2010 | 29441529 | 19.98 | 19.98 |
| 31• | **Environmental Landscapes Consortium Ltd** | Parks & Gardens and soft area September 2010 | 30/09/2010 | 6592 | 1543.75 | 1543.75 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 32• | **Environmental Landscapes Consortium Ltd** | Spraying of 24 Palm trees | 27/09/2010 | 6618 | 480.00 | 480.00 |
| 33• | **Environmental Landscapes Consortium Ltd** | Cutting and Disposal of 2 dead red palm | 27/09/2010 | 6619 | 165.20 | 165.20 |
| 34• | **Mr. Ronald Bezzina** | Grass Cutting in non urban roads August 2010 | 30/08/2010 | 21 | 730.46 | 509.10 |
| 35 | **Eco Pure** | Water | 30/09/2010 | 475857 | 25.49 | 25.49 |
| 36• | **Sr Services** | Basculante Litter bins | 18/10/2010 | P10/235 | 15458.59 | 15458.59 |
| 37• | **Mr. Ronald Bezzina** | Extra Work | 30/09/2010 | 35 | 220.00 | 220.00 |
| 38• | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting September 10 | 30/09/2010 | 33 | 4294.97 | 4294.97 |
| 39 | **Mr. Joseph Micallef** | Sevice for Van | 25/10/2010 | | 200.00 | 200.00 |
| 40 | **Mr. Joseph Micallef** | Reimbrusement of Expenses for Council Van | 25/10/2010 | | 241.44 | 241.44 |
| 41• | **Mr.Ronald Bezzina** | Grass Cutting in non Urban RoadsSeptember 2010 | 30/10/2010 | 23 | 442.70 | 442.70 |
| LISTA TA' ĦLASIJIET ADDIZJONALI – 26/10/10 #15(1) | | | | | | |
| 42•* | **Nexos Lighting Technology** | Rental of lighting eqiupment 5/09/10 | 28/09/2010 | 8736 | 944.00 | 944.00 |
| 43 | **Allied Newspapers** | Advert | 14/10/2010 | AS1420086 | 77.53 | 77.53 |
| 44 | **Sound Vision Print Ltd** | Advert | 20/10/2010 | 13091 | 105.63 | 105.63 |
| 45 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 19/10/2010 | 116474 | 186.84 | 186.84 |
| 46 | **Mr.Anthony Portelli** | Rent of Council Premises November 10, December 10 January 11 | 01/11/2010 | | 2445.84 | 2445.84 |
| 47 | **Mr. Geoffrey Fenech** | Liquid Waterproof | 05/10/2010 | 1 | 504.28 | 504.28 |
| 48 | **Image Systems Ltd** | Photocopier rent | 30/09/2010 | RENT/042638 | 128.12 | 128.12 |
| 49 | **MITA** | EMAIL | 19/10/2010 | SIN023944 | 44.82 | 44.82 |
| 50 | **Globetech International** | 2 Marsaskala Flags | 21/10/2010 | 4126 | 80.00 | 80.00 |
| 51 | **Mr. Carmel Cassar** | Fuel Expenses | 26/10/2010 | | 39.48 | 39.48 |
| 52• | **Karmig Ltd** | Pavements Works | 24/10/2010 | K-002 | 3938.71 | 3938.71 |
| 53• | **Karmig Ltd** | Pavements Works Triq iz-Zonqor | 24/10/2010 | K-001 | 1899.41 | 1899.41 |
| 54 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 21/10/2010 | 14002714 | 64.00 | 64.00 |
| 55 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 21/10/2010 | 13017997 | 123.09 | 123.09 |
| 56 | **Advanced Telecom. Systems Ltd** | Rex Rotary ink collector | 19/10/2010 | 42520 | 29.50 | 29.50 |
| 57 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 22/10/2010 | 116722 | 132.68 | 132.68 |
| 58 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic signs job sheet 8592A | 05/10/2010 | 13793 | 559.55 | 559.55 |
| 59• | **Karmig Ltd** | Construction of Playing field in Triq il-Qaliet | 24/10/2010 | K-003 | 1301.23 | 1301.23 |
| *** Pagamenti ghall-Iljieli Skalin 2010** | | | | | | |

3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li rigward pagamenti 26 u 27 dan kien xogħol kien sar xhur ilhu u issa qed jitħallas peress li ġew iċċertifikati mill-Perit.

3.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward pagament numru 4 jekk dan kienx l-aħħar pagament u jekk hux ser nieħdu l-flus mill-U.I.F

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dan kien l-aħħar pagament dovut lil JGC għal apparat tal-logħob li twaħħal fi Ġnien David Vella u diġa tħallasna parti minnu mill-U.I.F u li għad fadlilna x'nirċievu. Il-Kunsill irċieva madwar €20,000 u ggad fadallu jirċievi madwar €30,000 għal dan il-proġett mil-fondi tal-U.I.F

3.1.3 Il-Viċi Sindku staqsa x'kienu dawn il-bnadar għaliex il-kuluri tagħhom m'humiex propja ta' Marsaskala.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dawn kien nxtraw sabiex nużawhom minflokk l-oħrajn għax jiswew ħafna flus filwaqt li kienu se jintużaw mil-kumitat ta' l-attivitajiet meta tkun se ssir attivita` f'Marsaskala.

Il-Kunsill qabel unanimament li nixtru l-bnadar bl'istemma tal-Kunsill ta' Marsaskala.

3.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega li l-pagamant numru 34 ma tħallasx l-ammont dovut minħabba li t-triq ma fijhiex metri daqskemm kien hemm imniżżel fl-*invoice*.

3.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk pagament numru 59 huwiex il-pagament finali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien il-kont finali peress li l-Kunsill kien diġa ħallas żewġ pagamenti oħra lil Karmig dwar il-proġett tal-*playingfield* fil-Bajja San Tumas .

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

3.2 **<u>Ħlasijiet b'urġenza:</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| • Contracts Manager report available. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
| 1 | **CIR** | FS5-Agust 2010 | 24/08/2010 | | 2307.58 |
| 2 | **Sindku** | Honoraria - August 10 | 24/08/2010 | | 795.50 |
| 3 | **Segretarju Ezekuttiv** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 1838.12 |
| 4 | **Impjegata C** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 983.23 |
| 5 | **Impjegata D** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 884.22 |
| 6 | **Impjegata E** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 310.75 |
| 7 | **Impjegata F** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 1147.85 |
| 8 | **Impjegata H** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 873.28 |
| 9 | **Impjegata I** | Salary - August 10 | 24/08/2010 | | 926.78 |
| 10 | **Maltapost** | Bulky Postage (5780 envelopes) for fines | 24/08/2010 | | 1098.20 |
| 11 | **Maltapost** | 500 stamps | 24/08/2010 | | 95.00 |
| 12 | **DOI** | Advert for Tenders | 25/08/2010 | | 9.32 |
| 13 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Claim for overtime July | 25/08/2010 | | 4.56 |
| 14 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 27/08/2010 | | 50.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 | **PCS Ltd** | Materjal ghal 14-il xkaffar | 27/08/2010 | | 1971.50 |
| 16 | **Ms. Maria Aguis** | Cleaning of Council premises | 28/08/010 | 1 | 58.00 |
| 17 | **Mr. Jonathan Henwood** | 2 books - ten great walks | 07/09/2010 | | 16.00 |
| 18 | **R&A Waste Service Ltd** | Refuse Collection July 10 | 07/09/2010 | | 10484.45 |
| 19 | **Ms. Maria Aguis** | Cleaning of Council premises | 09/09/2010 | 2 | 87.00 |
| 20 | **Selves** | Petty Cash August 2010 | 09/09/2010 | | 186.21 |
| 21 | **Maltapost** | Bulky Postage (1472 envelopes) for fines | 13/09/2010 | | 279.68 |
| 22 | **Lourdes Service Station** | Diesel for Van | 14/09/2010 | | 50.00 |
| 23 | **IPSL** | Overtime - IPSL employees | 17/09/2010 | 2665 | 315.68 |
| 24 | **Ms.Maria Agius** | Cleaning of Council premises | 23/09/2010 | | 82.20 |
| 25 | **Puttinu Cares** | Blue Sea fishing competition | 24/09/2010 | | 50.00 |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

## 4.0 ***Komminikazzjoni mis-Sindku:***

### 4.1 **Kawża ta' Libell - (35/5925/10):**

Is-Sindku spjega l-komunikazzjoni li rċivejna mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward il-kawża ta' libell.

Kien hemm tlett punti sabiex il-Kunsilliera jieħdu vot fuqhom.

4.1.1 L-ewwel punt li ttieħdet deċiżjoni fuqu kien kif ġej:

*"Jaqblux mal-kontenut ta' l-ittra tas-Sindku kif ippublikat fil-gazzetta il-Mument tal-31 ta' Jannar 2010":*

Votazzjoni

FAVUR :
Is-Sindku
Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud
Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri
Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett

ASTJENA :
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Il-Vot ġie 7(seba`) FAVUR u 1(wieħed) ASTJENA. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega li hu kien qed jastjenti minħabba l-fatt li hu kien qiegħed jisemma fl-istess ittra.

4.1.2 *It-tieni punt li ttieħdet deċiżjoni fuqu kien kif ġej:*

*"li nkitbet f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom":*

*Votazzjoni*

FAVUR :
Is-Sindku
Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud
Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri
Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Kien hemm qbil unanimu u għaldaqstant it-tieni punt ta' din il-korrispondenza għaddiet.

4.1.3 It-tielet punt li ttieħdet deċiżjoni fuqa kien kif ġej:

*"allura jaqblux li l-ispejjeż konnessi ma' din il-kawża għandhom ikunu a kariku tal-Kunsill":*

Votazzjoni

FAVUR :
Is-Sindku
Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud
Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri
Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Il-Vot kien unanimu u għaldaqstant it-tielet punt ta' din il-korrispondenza għaddiet.

4.2 **Talba għall-speed humps/sleeping policeman Zonqor Point -(35/6264/07/I):**

Is-Sindku spjega din il-kommunikazzjoni fejn l-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq iż-Żonqor ħdejn il-*bring in sites*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex napplikaw lit-TM għaż-żewġ *humps*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi qedgħin nrċievu l-approvazzjonijiet pendenti li kellna mat-TM li jmorru lura sal-2008. Huwa kompla jispjega li għal kull applikazzjoni jrid jkollha *site plan* u ritratt anke sempliċiment għal-nofs metru *yellow line* mal-entraturi tal-garaxxijiet.

Is-Sindku qal li hemm liġi li tgħid li trid isir applikazzjoni lit-TM meta il-Kunsill jkun jrid japplika bħal-per eżempju biex issir *roundabout, one way* u affarijiet simili. Huwa kompla jgħid illi l-aħjar jekk issir laqgħa mat-TM sabiex jiġu iċċarati ċertu affarijiet.

4.3 **Meter tad-Dawl tal-Librerija:**

Is-Sindku staqsa f'hiex wasalna sabiex napplikaw għal-meter tad-dawl għal-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal is-sitwazzjoni wara li kien irnexxilu jagħmel kuntatt mal-Perit ikonċernat li kien issottometta l-applikazzjoni dak iż-żmien għan-nom tal-Go.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jipproċedu għall-applikazzjoni tal-meter tad-dawl.

4.4 **Triq il-Quċċata (previosly named n/w Triq il-Ħabberxa) Marsaskala – (35/6160/10/I):**

Is-Sindku qal li r-residenti qedgħin jilmentaw minħabba l-istat li tinsab it-triq fijha speċjalment meta tagħmel ix-xita.

Il-Kunsill qabel li din hija responsabilta` tal-Gvern Ċentrali u għaldaqstant il-Kunsill ma jista jagħmel xejn fuqa ħlief li jagħmel iktar pressjoni. Apparti li l-ħin kollu jissemmew fil-media ikun tajjeb li niktbu lit-TM ħalli wkoll jkollna xi ħaġa bil-miktub.

4.5 **Judo Fliers - (35/6114/10/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li ser jorganizza korsijiet tal-Judo.

Il-Kunsill qabel unanimament li jekk jkun hemm konkorrenza biżżejjed dan il-kors jsir.

4.6 **Ittra mill-Għaqda Veterani Laburista – (35/6132/10/I):**

Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill kien iddeċieda illi għal-għażla tal-premju ġieħ Marsaskala ma jistgħux jidħlux partiti politiċi bi żball ġenwien il-Kunsill ħaseb li din l-għaqda hija ta' partit politiku. Il-Viċi Sindku sostna li ma kienx qabel ma' din id-deċiżjoni minħabba li huwa ħass li anke l-partiri politiċi għandhom ikollhom id-dritt li jinnominaw lil xi ħadd għal Ġieħ Marsaskala biex tiġi kkunsidrata.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament sabiex jikteb lill-għaqda u jinfurmhom illi kien sar żball ġenwien u li darb'oħra kienet tiġi mistiedna biex tipparteċipa.

4.7 **Devoluzzjoni tal-grawnd tal-iskola:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega illi meta il-Kunsill kien applika għad-devoluzzjoni kien ser jingħata permess illi jiġi installat *3 a side UEFA mini pitch*. Issa li l-Kunsill wasal fil-fażi finali li jiffirma l-ftehim kien hemm proposta mill-MFA illi jekk l-Kunsill jirrinunzja għad-devoluzzjoni ta' dan il-grawnd u japplika l-Marsaskala Football Club jista jsir full turf *pitch , bil-fencing*, u d-dawl mħallas mil-MFA.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jirrinunzja għad-devoluzzjoni ta' dan il-*pitch*.

4.8 **Żieda fin-notch ta' l-Iskrivana Lucille Bonnici:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi b'mod retro attiv b'effett mill-1 ta' Settembru 2010 l-impjegata is-Sinjura Lucille Bonnici tiprogressa fi Skala 13 point 7.

4.9 **Laqgħa li saret mas-Supretendent tal-Cultural Heritage is-Sur Anthony Pace:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega lill-Kunsilliera rigward il-laqgħa li kienet saret mas-Supretendent tal-*Cultural Heritage* is-Sur Anthony Pace. Fil-laqgħa kienu tkellmu fuq id-devoluzzjoni tar-Ridott tal-Franċiż ta' San Tumas u l-Katakombi fost affarijiet oħra.

Il-Kunsill jista japplika għal *guardianship deed* fil-każ tar-Ridott tal-Franċiż u jkunu jistgħu jieħdu ħsiebu l-Għaqda Bajja San Tumas kif ukoll tal-Katakombi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li s-Sur Anthony Pace qallu li għandu jsir inventarju għal-dawn il-postijiet storiċi ġewwa Marsaskala.

Sar qbil unanimu li nibdew il-proċedura biex napplikaw għal-*gurdianship deed* għar-Ridott tal-Franċiż li jinsab fil-Bajja San Tumas u l-Katakombi

4.10 **<u>Relocation and restoration of niche at Marsaskala (35/5748/10/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li finalment konna rċievejna korrispondenza li tikkonferma li l-art fejn il-Kunsill ried li titpoġġa n-niċċa ta' San Spridione, l-art hija tal-Gvern u għaldaqstant nistgħu napplikaw għad-devoluzzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li wara li kellu l-laqgħa mas-Supretendent tal-Cultural Heritage huwa kien mar fuq il-post u mas-Sur Anthony Pace fejn qallu li kienu qed joġġezzjonaw li tiċċaqlaq dashekk il-bogħod u ssuġerixxa li għandha tiġi ħdejn in-Niċċa ta' San Tumas.

Sar qbil unanimu illi nkellmu lis-Supretendent tal-Heritage is-Sur Anthony Pace għaliex dawn iż-żewġ niċċeċ kienu ser jiġu koroh ħdejn xulxin filwaqt li l-Kunsill kien irnexxielu jġib il-permessi kollha meħtieġa għas-sit indikat oriġinarjament mill-Kunsill.

4.11 **<u>Ittra mill-Avukati Azzopardi & Busietta - (35/6183/10/I):</u>**

Is-Sindku spjega li s-Sur Lia kien qed jitlob sabiex nħassru l-linji tal-parkeġġ li hemm faċċata tal-garaxx tiegħu minħabba li ma jkunx jistgħa joħroġ id-dgħajsa mil-garaxx.

Il-Kunsill qabel unanimament li jitneħħew dawn il-linji ta' parkeġġ ta' quddiem l-garaxx ikkonċernat.

4.12 **<u>Memo 90/2009 – Risk Assessmenta dwar Playing fields u Ġonna:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu jsir *risk assessment* fuq il-*playingfields* u l-ġonna min-naħa tal-Gvern Ċentrali skond Memo 90/2009. Dan ir-*risk assessment* jrid isir kull sitt xhur minħabba l-polza tal-assigurazzjoni u ovjament irid isir ix-xogħol neċessarju wara.

Għaldaqstant peress li dan ir-*risk assessment* qatt ma sar min-naħa tal-Gvern Ċentrali l-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu *risk assessment auditor* sabiex isir rapport fuq Misraħ Mifsud Bonnici, Ġnien Antoine Randich, Playing field fi Triq iż-Żonqor u Ġnien David Vella.

4.13 **<u>Douzelage Granville – (35/6212/10/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja nforma lill-Kunsilliera illi jridu jitilgħu erba persuni għal-*annual general meeting* li ser jsir Granville skond il-korrispondenza mibgħuta lilna.

Għandu jiġi diskuss iktar tard min ser jitla`.

4.14 **<u>Laqgħa mas-Sidien ta' l-Etvan Hotel:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ma kienux preżenti għal-laqgħa bl-andament tal-laqgħa fejn l-iżvilupatturi spjegaw li dan l-*public urban space* ser jagħmluh huma. Il-manutenzjoni ta' dan il-ġnien ser tkun responsabilita` tagħhom ukoll. Dan il-ġnien ser ikun mdawwal b'dawl adekawt u filgħaxija dan il-ġnien ser jingħalaq minħabba l-abbużi u l-vandaliżmu. Huwa kompla jispjega li ser tinfetaħ triq minn Triq Nigel Dennis għal Triq is-Salini.

4.15 **<u>Vandalizmu fi Pjazza Mifsud Bonnici:</u>**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera peress li kellu jitneħħa l-biċċa l-kbira mill-apparat ta' dan il-bandli minħabba l-vandalizmu li sar, il-Kunsill jaqbilx li nixtru b'€1165 f'apparat temporanjament sakemm il-Kunsill japplika għall-proġett sħiħ.

Il-Kunsill qabel unanimament

4.16 **<u>Release of bank guarantee PA05007/07 – (35/6269/10/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li is-Sur Adrian Dalli qed jitlob għar-*release* tal-garanzija bankarja peress li x-xogħol tal-bini fi Triq il-Batterija taż-Żonqor lest. Huwa kompla jgħid li l-Perit tas-Sur Dalli kien bagħat rapport ukoll tal-kundizzjoni tat-triq qabel ma beda x-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li t-triq ma kienitx mksirra. Huwa wera xi ritratti tal-makkinarju mpoġġi direttament fuq it-tarmak minn kuntratturi li ħadmu għas-Sur Dalli.

Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma l-garanzija bankarja tiġi rilixatta għandha tiġi rranġata t-triq bi-*hot asphalt*.

4.17 **<u>Ittra mill-Uffiċċju Parrokkjali - (35/6252/10/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ġej l-isqof sabex jiltaqa mas-soċjeta` ċivili u anke mal-Kunsill Lokali 12 ta' Frar 2011.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitkellmu mal-Kappillan sabiex ngħamlu l-arranġamenti neċessarji.

4.18 **<u>Xiri ta' żewġ rotating files għal-użu tal-amministrazzjoni:</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nixtru dawn iż-żewġ *rotating files*.

4.19 **<u>Laqgħa li saret mal-Wastserv 15/10/10:</u>**

Is-Sindku rrefera għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret mal-Wasteser u beda biex jgħid lill-Kunsilliera illi l-laqgħa kienet fuq il-waste reduction u li l-Wasteserv issuġerixxew sabiex nduru l-ħwienet fejn nitolbuhom dawk il-prodotti illi ser jiskadu fi żmien tlett ġimgħat u ngħamlu bażar biex l-flus li jinġabru jmorru għall-*Happy Paws*.

Kien hemm diversi Kunsilliera illi ma qablux ma din il-proposta. Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi din mhux kompetenza tal-Kunsill, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal sabiex ninvolvu lill-Eco Skola, l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal sabiex ngħidu ngħidu lill-Girl Guides u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ġewwa Marsaskala hemm diġa *charity shop tal-Happy paws* allura dawn għandhom jmorru għalijom huma u jbiegħu dawn l-oġġetti.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel sabiex ma nieħdux sehem f'din l-attivita`.

- Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne nfurmat lill-Kunsill illi fit-8 ta' Novembru 2010 l-Iskola Primarja ta' Marsaskala ser ikun hemm ġurnata li tiffoka fuq is-suġġett dwar *waste reduction*.

4.20 **Triq Sant'Anna – (35/6190/10/I):**

Is-Sindku qal li minn mindu saret Triq Sant'Anna hemm xi ħwienet fejn qed jidħlilhom ħafna ilma meta tagħmel ix-xita, għaldaqstant ser jagħmlu *sealer* bejn il-bankina u t-triq u ser tingħalaq il-katusa tal-ilma tax-xita li hemm fit-taraġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li minn mindu saret it-triq mill-ġdid il-*Brighton Take Away* qiegħed jidħollu ħafna ilma meta tagħmel ix-xita.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2010 fit-8.00a.m flimkien mal-Perit tal-Kunsill ser niltaqgħu mal-Perit ta' Bonnici Bros kif ukoll il-Perit tat-TM fi Triq Sant'Anna.

4.21 **Skema tal-PPP:**

Il-Kunsill mhux ser jipparteċipa f'din l-iskema għaliex ma għandux fondi biżżejjed u dan peress li l-Kunsill jippreferi jwettaq proġetti ta' patching estensiv u bankini. Dawn il-flus jridu jitħallsu fi 8 snin u l-maġġoranza tal-flus jrid joħroġhom il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinqala minn din l-iskema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward il-ftehim li kien sar bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-W.S.C

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li r-*reinstatment* qatt ma sar sew għaliex il-W.S.C jgħamlu r-*reinstatment* bil-*cold asfalt* u mhux bil-*hot asfalt*. Huwa kompla jispjega illi s'issa tħallsna tat-trinek li saru fis-sena 2007.

4.22 **FEE Malta EkoSkola Programme Application Form:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri preżenta l-applikazzjoni tal-Eko Skola.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-programm ta' l-Eko Skola iżda l-Kunsill ma jistgħax iħallas il-kontibuzzjoni ta' €12 għaliex mhux permessibli bil-liġi tal-Kunsill.

4.23 **Attivitajiet tal-Milied:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ħabbret l-attivitajiet li ser jiġu organizzati għal-Milied mniżżlin hawn taħt:

❖ **Parti għat-tfal:**

Bħal ma għamilna s-sena l-oħra l-flus li ser niġbru mill-*party* tat-tfal wara li jinqataw l-ispejjeż ta' l-istess *party* ser jingħataw lil xi organizzajoni li għandna fil-lokalita` bħal *Inspire*. Dettalji ta' l-attivita` ser jingħataw iktar tard

❖ **Coffee Morning għall-Anzjani li qed jieħu ħsieb il-Viċi Sindku:**

Il-*coffee morning* għall-anzjani ser isir fis-17 ta' Diċembru 2010. Dettalji ta' l-attivita` ser jingħataw iktar tard.

❖ **Kompetizzjoni tal- Isbaħ Faċċata:**

Din is-sena ser issir kompetizzjoni ta' minn jżejjen l-isbaħ faċċata bit-tiżjien tal-Milied.

❖ **Presepju:**

Din is-sena ser isir presepju b'differenza, hemm il-ħsieb li jsir bis-*silhouette* u ngħamluh fi Ġnien Sant'Anna.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn l-attivitajiet.

4.24 **Van Stazzjonat fil-lokalita` ta' Marsaskala:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Melita p.l.c u Go p.lc ser jgħaddulna pagament ta' €150 u €500 rispettivament peress li matul il-jiem tas-sajf kien ikollhom van stazzjonat fil-lokalita` tagħna.

4.25 **Ċerimonja ta' Ġnien Sant'Anna:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti illi ser issir iċ-ċerimonja tad-devoluzzjoni ta' Ġnien Sant'Anna. Id-data għandha titħabbar aktar 'il-quddiem

4.26 **Family Park:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-*Wasteserv* talbu laqgħa magħna nhar il-Ħamis 4 ta' Novembru 2010 fil-5.00 ġewwa l-bini tal-Impjant Marsaskala.

4.27 **Bins mogħtija mill-Green Mt:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett kien infurmah li l-*Green MT* aċċettaw li jagħtuna 30 bins tas-separazzjoni tal-*istainless steel* għal fuq il-*promenade* b'xejn. Dawn il-bins huma simili ħafna ta' dawk li hemm il-*Waterfront*, pero` aħjar, peress li dawn ser ikunu jeħlu mal-art bħal m'għadna kif waħħalna tagħna, u bħala *bin* ser ikun jinqasam fi 3 kontenituri: plastik, ħġieġ u metal u kull kontenitur ser ikun fil-borża partikulari tiegħu li wkoll ser jieħu ħsieb li jibdlu huma b'xejn u jbattluwhomna. Il-*bin* jesa 3 kontenituri u mhux ħa jkun hemm karta fihom għar-raġuni li nkella nispiċċaw jitfawlna ħafna *tissues* u kaxxex tal-pizza li ma jistawx jiġu riċiklati. Il-*Green Mt* infurmawna li dawn il-*bins* jiswew viċin €1,000 il-wieħed, u ser jibdew jitbattlu kollha f'daqqa, fis-sens mhux kif isir bħalissa għal-*BIS* il-kbar, nhar ta' Tnejn plastik, Tlieta karti eċċ, iżda plastik, ħġieġ u metal kollha f'daqqa permezz ta' trakk apposta li jagħti din il-faċilita`, li għandu jasal minn barra għal-ewwel darba ta' din ix-xorta din il-ġimgħa. Dawn il-*bins* għandhom jaslu minn barra din il-ġimgħa u jibdew jitwaħħlu fil-ġranet u ġimgħat li ġejjin. Infurmawna ukoll li hekk kif dawn jitwaħħlu aħna bħala Kunsill flimkien mal-*Green MT* nagħmlu *press conference* fuq il-*promenade* biex nuru dan l-investiment. Kull bin fih ukoll 3 faċċati għal-*adverts*, fejn skond anki l-kuntratt li kien sar mal-*Green MT*, 2/3 huma ta' *Green MT*, u l-1/3 l-ieħor huwa tal-Kunsill, li nistaw jew nagħmlu xi *advert* fih tal-Kunsill jew inkella nħalluh f'idejn *Green MT* biex iġibu *advert* fuqu huma imma aħna niħdu l-flus tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett kompla jgħid illi ser jitpoġġew 7 skips u ser jitpoġġew fi Triq ix-Xatt, Triq iż-Żonqor u Triq is-Salini.

4.28 **Seminar rigward il-Playingfield:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti illi flimkien mal-Kunsillier responsabbli mil-*playing fields* is-Sur Lawrence Ciantar u l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud attendew seminar ġewwa *Monte Kristo* mir-rappreżentanti tal-*Hag's* fejn dawn urew xi *playing equipment*.

Il-Kunsill iddeċieda illi niċċekjaw jekk għandiex biżżejjed fondi u allura noħorġu *tender* għal-bini mill-ġdid ta' *playingfield* ta' Misraħ Mifsud Bonnici.

4.29 **<u>Proġett Leonardo Da Vinci:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi ġej il-President tad-Douzelage f'Jannar 2010 u biex jibda jaħdem fuq Proġett Leonardo Da Vinci fuq skambju ta' kokijiet Maltin ma dawk barranin.

4.30 **<u>ECAD:</u>**

Is-Sindku qal li kien informa l-President tad-Douzelage bis-seminar tal-ECAD li kien sat f'Għawdex. Huwa talbu biex jagħmel diskors fil-laqgħa ġenerali li ser issir f'Granville biex b'hekk iħajjar l-membri tad-Douzelage jingħaqdu fl-ECAD.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.31 **<u>Kors fuq l-isports:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser jsir kors fuq l-isports u ser jattendi għalieh il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

5.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

5.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#229 – 30/09/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir sleeping police fi Triq il-Miġbħa, peress li xi karozzi qed joħorġu minn din it-triq b'veloċita` eċċessiva".*

Din il-mozzjoni ġie ikkanċellata

5.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#230 – 14/10/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex fi Triq Patri Wistin Born isiru il-linji tal-parkeġġ. Importanti li jsiru bil-galbu biex ma jkunx hemm ħela f'dawk li huma parkeġġi. Nibdew minn Triq is-Silla u jsiru sa fejn hu possibli".*

Il-Kunsill approva unanimament illi napplikaw lit-TM.

6.0 ***<u>Aġġornament</u>***

Il-laqgħa spiċċat fl-10.15p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru fis-6.00p.m

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |